BIRKIRKARA

Minuti tat-tmien laqgha tas-Seba Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 19 ta' Novembru 2013 mis 6.30pm.

**Il-Membri**

| | |
|---|---|
| **Is-Sindku** | Is-Sinjura Joanne Debono Grech |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sinjura Rita Borg |
| | Is-Sur Michael Fenech Adami |
| | Is-Sur Kaylocke Buhagiar |
| | Is-Sur Liam Gauci |
| | Dr. Josianne Cardona Gatt (Assenti) |
| | Is-Sur Mark George Abdilla |
| | Is-Sur Anthony Buttigieg |
| | Is-Sur John Mary Calleja |
| | Is-Sur Herbert Conti |
| | Is-Sur John Mizzi |
| | Is-Sinjura Marie Claire Zammit |
| | Is-Sur John Borg |
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Tas-Swatar** | Is-Sinjura Mary Rose Mifsud |
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-Lys** | Is-Sur Ronald Briffa – Assenti |

**L-Ufficjal:**

| | |
|---|---|
| **Deputat Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Arthur Pizzuto |

BIRKIRKARA

Fil-bidu tal-laqgha kienu prezenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, l-Vici Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera s-Sur Michael Fenech Adami, is-Sur kaylocke Buhagiar, is-Sur Liam Gauci, s-Sur Mark Abdilla, s-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur-John Mary (Jimmy) Calleja, s-Sur Herbert Conti, s-Sur John Mizzi, s-Sinjura Marie Claire Zammit, u s-Sur John Borg. Minn naha tal-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-Lys ma kien hemm hadd prezenti filwaqt mil-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar kien hemm is-Sinjura Mary Rose Mifsud. Ghal din il-laqgha ma kienx hemm il-prezenza tal-publiku. Il-laqgha kienet ippreseduta mis-Sindku, s-Sinjura Joanne Debono Grech.

## 1. Talba

Il-laqgha bdiet billi s-Sindku, s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet it-talba.

## 2. Korrezzjonijiet

Is-Sur Mark Abdilla qal kontra dak li jidher fil-minuti huwa ma kienx prezenti ghall-laqgha ta' qabel, peress li hu kien jinsab ma jiflahx u ghalhekk ismu ghandu jitnizzel skuzat.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti bin-numru 7

Il-minuti tas-seba laqgha kienu tqassmu mal-agenda w ttiehdu bhala moqrija. L-minuti gew approvati mill-Kunsilliera prezenti li vvutaw favur, dawn kienu:- s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, u l-Kunsilliera, s-Sinjura Rita Borg, s-Sur Michael Fenech Adami, is-Sur kaylocke Buhagiar, is-Sur Liam Gauci, is-Sur Mark Abdilla, s-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur-John Mary (Jimmy) Calleja, s-Sur Herbert Conti, s-Sur John Mizzi, s-Sinjura Marie Claire Zammit u s-Sur John Borg. Dawn il-minuti gew issekondati mis-Sinjur Anthony Buttigieg.

## 4. Kunsiderazzjonijiet u Affarijiet li jirrizultaw mill-minuti numru 7

4.1 Is-Sur Anthony Buttigieg staqsa jekk kienx hemm xi zvilluppi fil-laqgha li kellha ssir u li kienet issemmiet fill-laqgha precidenti, fejn kien intqal li kellha ssir laqgha bejn is-Sindku, s-segretarju, l-avukat tal-Kunsill, Dott. Richard Sladden u s-Sur Joseph Attard tal-Green MT biex wiehed jara kif kienet sejra tigi risolta l-kwistjoni dwar pendenzi li kien hemm ghax-xoghol ta' restawr li

kien sar fuq l-akkwadott. Is-segretarju wiegeb li din il-laqgha ma kienetx saret peress li s-Sur Joseph Attard kien iddahhal l-isptar.

4.2 Is-Sur John Borg staqsa kienx hemm xi zvillup rigward 8.4. Is-segretarju wiegeb fin-negattiv u qal li ma kellu l-ebda risposta minn Transport Malta.

## 5. Approvazzjoni tal-pagamenti tal-Kunsill – Lista Numru 8

Il-Lista tal-pagamenti numru 8 kienet tqassmet mal-agenda w ttiehdet bhala moqrija. Saret diskussjoni qasira.

Is-Sur Anthony Buttigieg staqsa rigward numru 125 u 126. Is-segretarju spjega li dawn iz-zewg pagamenti huma ghall-fuel tal-vetturi wzati mill-kunsill. Meta gie mistoqsi kemm il-vettura ghandu l-kunsill, is-segretarju spjega li bhalissa l-kunsill kien qed jikri karozza u zewg vannijiet. Kif kien gie maqbul f'laqgha precidenti tal-kunsill ghanu jinhareg tender biex dawn il-vetturi tal-kunsill jew jigu mixtrija jew isir '*lease agreement*'.

Is-Sur Michael Fenech Adami staqsa dwar il-pagamenti lil-Synthesis Management Services Ltd, il-kumpanija li rebhet it-tender tal-*Contracts Management*. Huwa qal li sa fejn jaf hu dan il-kuntratt kien jghid li l-kuntrattur ghandu jiehu 0.95% fuq ix-xoghol gross li kellu jiccertifika. Mill-lista tal-pagamenti jidher li dan il-kuntrattur kien qed izomm 2.95% u mhux 0.95% kif kien mifthiem. Jekk dan huwa l-kaz, zied jghid, dan ifisser li dan il-kuntrattur kien tefgha l-oghla offerta. Is-Sindku wiegbet li dan kien tender li hargu u stess u fil-fehma taghha dan qatt ma missu hareg fiz-zmien li hareg. Ghalhekk hi talbet lis-Sur Raphael Carabott, direttur tal-kumpanija Synthesis Management Services Ltd biex ikun prezenti ghal din il-laqgha sabiex jaghti spjegazzjoni ta' kif kien qed jaghmel il-kontijiet. Is-Sur Raphael Carabott qal li kif kien qed jghid is-Sur Michael Fenech Adami huwa kien tefgha l-offerta bir-rata ta' 0.95%. Pero wiehed irid jghid li meta hu kien talab klarifika, dan meta s-Sur Michael Fenech Adami kien ghadu Sindku, kienet saret Addendum ghat-tender originali. Fost affarijiet ohra dan l-addendum kien jghid li x-

xoghol ta' Civil works li jaqa taht il-perit kellu jigu iccertifikati mill-Quantity Surveyor. Wara li nharget din l-Addendum, is-Sur Raphael Carabott qal li hu kien zied paragrafu iehor fit-tender fejn jghid li jekk isir xi xoghol extra barra c-certifikazzjoni tal-kontijiet dan kellu jsir bir-rata ta 2% bhala *Management and Supervision charge*. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li s-Sur Raphael Carabott qatt ma kellu izid jew jibdel partijiet mit-tender originali u li kien jimpurtah kienet ir-rata li kien kwota jigifieri dik ta' 0.95%. Huwa fakkar il-kamra li hu ma kienx ha sehem fl-aggudikazzjoni ta' dan it-tender peress li kellu konflitt ta' interess. Huwa staqsa ukoll lis-Sur Raphael Carabott x'kien qed jifhem b'xoghol extra. Is-Sur Raphael Carabott qal li jekk nghidu ahna jithawlu xtieli, xogholu kien ikun li jivverifika li dawn ix-xtieli thawlu u li hemm in-numru ta' xtiela li jidher fil-kont. Jekk umbaghad jigi mitlub jara x'tip ta' pjanti thawlu u jekk dan kienx skont it-tender mahrug ghal dan ix-xoghol, dan kien jitqies bhala extra u jinhareg kont ta' 2% ohra. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li dak il-kuntrattur partikolari jithallas fixed price u li dan l-aqrgument ma jreggiex. Ezempju iehor li gab is-Sur Raphael Carabott kien dak tal-bozzoz. Jekk jigi irrapurtat li kien hemm bozza maqtugha, jekk hu jikkonferma dan u jokkonferma li l-bozza giet mibdula kien jithallas bil-0.95%. Izda jekk hu kien mistenni li jara jekk il-kuntrattur wahalx il-bozza ta' wattage li suppost, jew jekk il-bozza tiflahx ghac-cowk jew ballast li jaghtu l-kurrent lill-bozza mibdula, allura hu kien izomm 2% ohra. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li t-tender jghid car li dan ix-xoghol li kien qed isemmi hu kellu jsir kollu bir-rata ta' 0.95% u li jekk is-Sur Raphael Carabott fehem modd iehor, din kienet problema tieghu ghax hadd minn dawk li tefghu l-offerta, ma fehmu bhalu, jigifieri bhas-Sur Raphael Carabott. Is-Sur Raphael Carabott qal li dan l-ezercizzju kien qed igib rizultati. Jekk wiehed jara l-lista tal-iskart goff, din nizlet minn tmintax il-pagna ghal-seba pagni. Hu kien jiccekja jekk kienx veru li kien hemm dan l-iskart goff u jekk iva jiccertifika li ttiehed.

Is-Sur Michael Fenech Adami qal li peress li l-pagamenti kienu ga thallsu lil-Synthesis Mnagement Services Ltd, il-kuntrattur kellu johrog credit note

ghad-differenza. Huwa talab li din il-kwistjoni titla d-dipartiment ghall-verifika sabiex jigi stabilit jekk kienx hemm ksur tal-kundizzjonijiet tat-tender.

Ghalhekk il-kamra approvat il-lista tal-pagamenti pero s-Sur Michael Fenech Adami, is-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur John Borg, s-Sur Mark Abdilla u Sur John Mizzi oggezzjonaw u m' approvawx dawk il-pagamenti lil-Syntheseis Management Services.

## 6. Approvazzjoni ta' twaqqiegh ta' tender u ftheim.

6.1 Is-Sinjura s-Sindku Joanne Debono Grech qalet li *'t-Tender for the Maintenance and upkeep of Public Gardens'* kien ghadu ma giex aggudikat minn meta hareg taht il-Kunsill ta' qabel. Peress li issa kien ghadda hafna zmien minn meta dan ghalaq, kien jaqbel li johrog iehor gdid u wiehed izjed dettaljat. Hija ziedet tghid li bl-approvazzjoni tal-kamra l-kuntratt eziztenti ghandu jigi eztizz sakhemm jinhareg it-tender il-gdid. Ghal dan kollu, kien hemm qbil unanimu mill membri prezenti.

6.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li dan l-ahhar instab ftheim bejn General Cleaners u S-Sur Michael Fenech Adami fejn dan il-ftheim jghid li qed jinkrew ghaxar bins biex jitwahhlu f'diversi partijiet ta' Birkirkara. Dan il-ftheim ilu li sar mit-2007, il-bins twahhlu u l-ftheim rega gie mgedded fi Frar ta' din is-sena. Hija ziedet tghid li sa fejn taf hi il-kunsill ma kienx jaf b'dan il-ftheim u barra l-fatt li din hija spiza zejda, l-ftheim kien sar bejn is-Sur Michael Fenech Adami u il-General Cleaners. Ghalhekk hi ssuggerrit li peress li dan qatt ma missu sar, il-bins ghandhomu jitnehhew mill-General Cleaners Ltd u l-ftheim jitwaqqaf minnufih. Hija ziedet tghid li kopji ta' dawn il-ftheim intbaghtu d-dipartiment biex tintghalab gwida x'ghandu jsir minn kontijiet li hemm pendenti ta' dawn il-bins. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li wiehed ma jistax jghid li hadd ma kien jaf ghax il-kontijiet ilhom jidru fil-lista tal-pagamenti mil-bidu nett. Fuq li dan il-ftheim ghandu jitwaqqa u li l-

bins ghandhom jitnehhew kien hemm qbil unanimu mill-membri tal-kamra prezenti.

## 7. Korrispondenza

7.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li bhall ma kien gie infurmat kullhadd, kull kunsill kellu jahtar ambaxatur taht it-tmintax il-sena. Wara li deher avviz fil-gazzetta biex min hu interesat f'din il-kariga, japplika, l-kunsill irceva zewg CVs. Dawn huma tas-Sinjorina Chaileen Debono u s-Sinjur Malcolm-Lee Attard. Peress li s-Sinjorina Debono taghlaq tmintax il-sena f'Awwissu li gej u jkollha tirrinunzja l-kariga taghha, minhabba l-eta, gie deciz li f'dan l-istadju z-zewg kandidati ghandhom jinhatru ambaxxaturi. Huma ghandhom jmorru l-Parlament mas-Sindku biex jiehdu din il-hatra.

## 8. Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Is-Sur Michael Fenech Adami staqsa l-kamra jekk il-membri kellhomx il-pjacir li jinnominawh ghall kariga ta' Vici President tal-Kumitat tar-Regjun. Huwa qal li jekk jkollu din il-kariga, l-Kunsill ta' Birkirkara jkun f-pozzizjoni ahjar biex jinnegozja. Is-Sindku wiegbet li trid izjed hin qabel ma taghtih risposta peress li kellha ticcekja xi affarijiet dwar dan. Barra minhekk hija qalet li bhallissa kienet il-Vici Sindku s-Sinjura Rita Borg, li kienet qed tirrapprezenta l-kunsill. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li kien wasal ghal widnejh li din ma kienetx qed tattendi ghall-laqghat. Is-Sinjura Borg qalet li hi kienet tattendi izda dan l-ahhar, il-membri li l-maggor parti taghhom huma anzjani, fthemu li l-laqgha tibda ssir fis-saghtejn ta' wara nofs in-nhar u dan qalet hi, mhux hin tajjeb ghal min jahdem.

## 9. Kommunikazzjoni mis-Sindku

9.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li fil-5 ta' Dicembru kienet sejra ssir attivita ta' Gieh Birkirkara b'kollaborazzjoni mas-Socjeta Dun Fillipu

Borgia. Hija qalet wiehed ghandu jhares il-quddiem lejn din l-attivita peress li kienet ilha zmien ma' ssir. Is-Sur Michael Fenech Adami qal sa fejn qaf hu f'kunsilli precidenti kien gie mifthiem li *'Gieh Birkirkara'* m'ghandux jinghata f' *'Jum Il-Kollegjata'*. Is-Sindku qalet li kien hemm zewg nomminazjonijiet wahda minn ta' Borgja, fejn dawn ipproponew lil Kan. Karm Calleja u ohra mill-kunsill li ppropona lis-Sur Emmanuel Sammut, persuna li kien iddedika hafna hin u xoghol fil-muzew li jinsab gewwa l-Bazilika ta' Santa Liena. Is-Sindku ppproponiet ukoll li ghandu jinghata apprezzament lis Sur Paul Galea u s-Sur Philip Xuereb li t-tnejn taw il-hin u l-ghajnuna taghhom lil-kunsill meta dawn gew mitluba l-ghajnuna taghhom. Is-Sur Michael Fenech Adami xtaq jipproponi ukoll lis-Sur Joseph Sammut li kien strumentali fil-kumitat Monument Sir Anthony Mamo.

Is-Sindku qalet li din l-attivita kienet sejra titmexxa taht il-patrimonju tal-Prim Ministru u ghalhekk ghandhom jigu mistiedna Membri Parlamentari tad-distrett miz-zewg nahat kif ukoll persuni ohra distinti. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li hu kien jaqbel ma dan izda ghandu jigi mistieden ukoll il-kap tal-oppozzizjoni. Ghal dan il-kliem is-Sindku wiegbet li din ma kellhiex tkun problema. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li l-kunsilliera ghandhom jircevu invit ufficjali u mhux jigu mistiedna b' *e-mail*, ghax kunsillier huwa meqjus daqs Membru Parlamentari. Huwa staqsa kemm kienet giet tiswa t-tinda li tahtha kellha ssir l-attivita u jekk inharigx tender ghaliha ? Gibed l-attenzjoni li biex titwaqqaf tinda ta' dan id-daqs fil-pjazza, kien ifisser li jrid jithaffer il-pavimentar, dan sabiex din tkun ankrata sew. Is-Sindku wiegbet li min kien tah l-informazzjoni kien taghilu skoretta ghax it-tinda kienet sejra tehel fi Triq is-Santwarju u mhux fil-pjazza.

9.2 Is-Sindku habret li fil-21 ta' Dicembru il-kunsill kien sejjer jorganizza party tal-Milied ghat-tfal bejn l-eta ta' erba u ghaxar snin.

9.3 Is-Sindku qalet li l-kunsill kien sejjer jibghat kartolina tal-Milied lir-residenti kollha ta' Birkirkara. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li din ghandha tkun

minghand il-Kunsill in-generali u mhux personalizata. Huwa zied jghid li ma jistax jifhem kif twaqqfet il-gazzetta li kienet titqassam fil-passat sabiex jigu iffrankati l-flus u issa qed tintbghat kartolina tal-Milied.

## 10. Gheluq

Il-laqgha spiccat fit-7.40 pm u giet aggornata ghall-nhar it-Tnejn, 16 ta' Dicembru 2013 fis-6.30 pm gewwa l-ufficju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

Arthur Pizzuto
Segretarju Ezekuttiv

Joanne Debono Grech
Sindku